MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 82/2007

Kawza fil-lista: 49

**AB**
**vs**
**CD u E sive F B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-konvenuta CD twieldet fit-8 ta’ Novembru 1973 mill-konvenuta E sive F B, mart l-esponent AB, u giet registrata bhala bint l-istess AB bic-certifikat tat-twelid numru hamest elef mitejn u wiehed u tletin tas-sena elf disa’ mija u tlieta u sebghin (5231/1973) (Dokument A);

2. Illi l-imsemmija E sive F B kienet abbandunat id-dar matrimonjali fid-19 ta' Marzu 1966 u minn dakinhar sat-twelid tal-konvenuta CD, l-attur u martu baqghu mifrudin de facto;

3. Illi b' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Marzu 1972, l-esponent AB kien ottjena s-separazzjoni gudizzjarja minn ma' martu l-konvenuta E sive F B;

4. Illi l-konvenuta CD twieldet minn relazzjoni adultera tal-konvenuta E sive F B, u ghalhekk mhijiex bint l-esponent;

5. Illi inoltre l-konvenuta E sive F B hbiet mill-attur kemm it-tqala taghha kif ukoll it-twelid ta' bintha Larissa, u kien biss dan l-ahhar li l-attur sar jaf b' din it-tifla u li din tinsab registrata bhala bintu;

6. Illi ghalhekk l-attur ghandu jedd jiched li jaghraf lill-konvenuta CD bhala bintu.

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-esponent AB mhuwiex il-missier naturali tal-konvenuta CD minhabba li din kienet koncepita minn relazzjoni adultera li l-konvenuta l-ohra E sive F B kellha meta hija u l-attur kienu separati de facto;

2. Konsegwentement, tordna li l-att tat-twelid numru 5231/1973 riferibbli ghall-imsemmija konvenuta CD jigi korrett fis-sens li l-attur mhuwiex missierha, u ghalhekk il-konvenuta tigi registrata bhala mwielda minn missier mhux maghruf.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; inkluz l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-konvenuta CD li twieldet mill-konvenuta E sive F B fit-8 ta' Novembru 1973; kif ukoll ordni sabiex issir il-korrezzjoni konsegwenjzali fl-Att tat-Twelid ta' l-istess CD li jgib in-numru 5231/1973.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li l-konvenuta E B kienet abbandunat id-dar konjugali fis-19 ta' Marzu 1966, u fit-16 ta' Lulju 1968 hija kellha tarbija minn relazzjoni extra matrimonjali; liema tarbija giet sussegwentement dikjarata mhux il-wild naturali ta' l-attur permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2005 fl-ismijiet "AB vs Tania B u F B"[Cit.1462/2002RCP].

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti, allura l-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fit-8 ta' Marzu 1972, l-attur ottjena s-separazzjoni personali minn ma' martu ghar-ragunijet indikati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16.

Illi <u>recentement</u> l-attur kien sema' li martu kellha tarbija ohra, u minn ricerka maghmula minnu fl-Insinwa, rrizulta li din it-tieni tifla, li hija l-konvenuta CD, twieldet fit-8 ta' Novembru 1973 u kienet giet registrata fuq isem l-attur bhala missierha; meta "fil-fatt twieldet hafna wara li ommha kienet telqet mid-dar, u sahansitra wara li kienet diga' nqaghtet bil-Qorti l-kawza tas-separazzjoni." [1]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fil-fehema ta' din il-Qorti, f' dan il-kaz jezistu elementi ta' prova sufficjenti sabiex jissufragaw il-versjoni ta' l-attur, li ma giet kontradetta bl-ebda mod; u l-provi juru li anke t-tieni wild ta' martu, cioe' il-konvenuta CD, mhijiex il-wild naturali tieghu. Ghaldaqstant it-talbiet tieghu huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 70[b] u [d] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

---
[1] Affidavit fol.20 *et seq.*

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-konvenuta CD li twieldet fit-8 ta’ Novembru 1973 mhjiex il-wild naturali ta’ l-attur; u konsegwenjzalment tordna d-debita korrezzjoni fl-imsemmi Att tat-Twelid taghha billi jigu kancellati minn fuq l-istess Att isem l-attur kull fejn jirrikorri kif ukoll il-konnotati tieghu; u minnflok, il-konvenuta CD tigi registrata taht “missier mhux maghruf”

Tordna wkoll ai termini ta’ l-artikolu 256 ta’ l-istess Kap li l-korrezzjoni ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart [10] ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’ gudikat; u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri bil-mod deskritt fl-istess disposizzjonijiet.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta E sive F B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------